IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.5.2015
COM(2015) 251 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136, flimkien mal-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,[3]

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Is-sostenn u t-tisħiħ tal-iżvilupp taż-Żona tal-Euro jeħtieġ sforz politiku kontinwu biex ikun appoġġat l-aġġustament bilanċjat fis-setturi privati u pubbliċi u biex jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija f'terminu medju sa terminu twil. Filwaqt li l-irkupru ekonomiku fiż-Żona tal-Euro għadu għaddej, huwa mxekkel minn legati tal-kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji riċenti, inkluż l-ibbilanċjar mill-ġdid estern li għadu għaddej, livelli għoljin ta' dejn pubbliku u privat u l-pressjonijiet relatati mad-diżingranaġġ, riġiditajiet strutturali persistenti fis-swieq nazzjonali tax-xogħol u tal-prodotti, rata għolja ta' qgħad u livell baxx ta' fiduċja, u dgħufija persistenti fl-investiment. Sa issa, l-implimentazzjoni tar-riformi stabbiliti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ma kinitx ambizzjuża biżżejjed.

(2) Iż-Żona tal-Euro hija aktar minn sempliċiment it-totalità tal-membri tagħha. L-ekonomiji taż-żona tal-euro huma marbutin mill-qrib, biex b'hek hija sottolinjata l-ħtieġa għal koordinazzjoni aktar b'saħħitha ta' politiki fiskali, finanzjarji u strutturali. Il-pożizzjoni politika fil-livell taż-Żona tal-Euro għandha tippromwovi tkabbir, waqt li fl-istess ħin tiżgura li l-progress magħmul fir-riekwilibrar ma jkunx imfixkel. L-Istati Membri taż-Żona tal-Euro għandhom responsabbiltà partikolari

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
[3] COM/(2015)251

għal implimentazzjoni effettiva tal-qafas ta' governanza, li ssaħħaħ b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin. Dan jitlob żieda fil-pressjoni mill-parti biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tar-riforma nazzjonali u l-prudenza fiskali. Dan jappella wkoll għal valutazzjoni akbar tar-riformi nazzjonali mill-perspettiva taż-żona tal-euro, l-internalizzazzjoni ta' riperkussjonijiet potenzjali u l-istimolu ta' politiki ta' importanza partikolari għal unjoni ekonomika u monetarja li taħdem sew.

(3) L-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li jimmodernizzaw l-ekonomiji u jagħtu spinta lill-kompetittività u l-potenzjal tat-tkabbir għad mhix suffiċjenti fiż-Żona tal-Euro. L-estent tal-iżbilanċi qabel il-kriżi, il-pożizzjoni fiċ-ċiklu tan-negozju u l-ispazju fiskali disponibbli jvarjaw b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri. Minkejja titjib fis-swieq tax-xogħol u xi progress fir-riformi sabiex titjieb ir-reżiljenza tas-swieq tax-xogħol, ir-rati ta' qgħad għadhom għoljin u l-qgħad ta' terminu twil qed jirriskja li jsir parti integrali, biex b'hekk ikompli jdgħajjef il-qagħda soċjali fil-pajjiżi l-aktar vulnerabbli. Ir-riekwilibrar mill-ġdid għadu għaddej, iżda sa issa l-progress kien wieħed assimetriku u ma sarx aġġustament tas-surpluses fil-kontijiet kurrenti kbar. Riformi strutturali ambizzjużi tas-swieq tax-xogħol u tal-prodotti jiffaċilitaw l-aġġustament ekonomiku neċessarju fiż-Żona tal-Euro u li jagħtu spinta lit-tkabbir fil-pajjiżi li jimplimetawhom. Billi jżidu l-impjiegi u jbaxxu l-prezzijiet għall-konsumaturi, ir-riformi jikkontribwixxu wkoll għal inklużjoni soċjali akbar. Jekk imwettqa b'mod konġunt madwar l-Istati Membri, ir-riformi strutturali joffru benefiċċji għaż-Żona tal-Euro kumplessivament permezz ta' effetti konsegwenzjali pożittivi permezzi ta' mezzi kummerċjali u finanzjarji. Dan jinkoraġġixxi wkoll l-għażliet politiċi xierqa fil-bqija taż-Żona tal-Euro. Id-diskussjonijiet tematiċi tal-Grupp tal-Euro jistgħu jgħinu dan il-proċess permezz tal-valutazzjoni u l-valutazzjoni komparattiva tar-riformi u l-impatt tagħhom fuq iż-Żona tal-Euro bħala entità sħiħa. Dan jista' jsir permezz ta' tagħlim mill-aħjar prattiki, ftehim dwar prinċipji komuni għal riformi tajba u l-pressjoni mill-pari. Minħabba l-proċess ta' aġġustament fil-livell nazzjonali u għalhekk il-funzjonament taż-Żona tal-Euro, il-monitoraġġ regolari tal-progress b'riformi fl-Istati Membri li qed jesperjenzaw żbilanċi eċċessivi u żbilanċi li jirrikjedu azzjoni deċiżiva huwa partikolarment importanti.

(4) Waħda mill-isfidi ta' politika ewlenin li qed tiffaċċja ż-Żona tal-Euro hija li jitnaqqas id-dejn tal-gvern billi jkun imfittex li tinkiseb ir-responsabbiltà fiskali. Grazzi għall-isforzi ta' konsolidazzjoni tas-snin preċedenti, is-sitwazzjoni fiskali taż-Żona tal-Euro tjiebet iżda l-koordinazzjoni tal-politiki fiskali tibqa' subottimali. Għadd ta' Stati Membri taż-Żona tal-Euro għad iridu jkomplu b'aġġustament fiskali biex ibaxxu l-livelli għoljin ħafna ta' dejn. Pajjiżi oħrajn għandhom aktar lok għall-manuvrar u jistgħu jużawh biex jinkoraġġixxu d-domanda domestika, b'enfasi partikolari fuq l-investiment; dan jappoġġa t-tkabbir domestiku u ż-Żona tal-Euro kollha kemm hi. Il-flessibbiltà inkorporata fir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tippermetti lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-riformi strutturali u l-investiment, filwaqt li jsegwu regoli miftehma b'mod komuni. L-istrateġiji fiskali għadhom mhumiex suffiċjentament favorevoli għat-tkabbir. Fuq in-naħa tad-dħul, minkejja aktar koordinazzjoni fil-Grupp tal-euro, hemm aktar lok għat-titjib tal-effiċjenza tas-sistemi fiskali u għat-tnaqqis tal-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol. Fuq in-naħa tan-nefqa, jeħtieġ li jkun hemm aktar iffukar fuq l-investiment pubbliku appoġġat minn analiżi tajba tal-kostbenefiċċji u nefqa pubblika oħra b'effetti b'saħħithom u pożittivi ta' tkabbir. Analiżi tan-nefqa enfasizzaw il-ħtieġa għal titjib fl-effiċjenza fl-amministrazzjoni pubblika. Oqfsa fiskali nazzjonali li jiffunzjonaw sew se jappoġġaw dan il-proċess.

(5) Il-kundizzjonijiet tas-suq finanzjarju fiż-Żona tal-Euro qed jitjiebu, iżda s-self lis-settur privat għadu mrażżan u s-swieq finanzjarju għadhom frammentati. Dan qiegħed iżomm lura l-investiment fiż-Żona tal-Euro. Bħala riżultat ta' dan, inħolqot diskrepanza kbira fl-investiment, filwaqt li l-ħtiġijiet ta' investiment jeżistu f'termini ta' investimenti tanġibbli u dawk intanġibbli. Il-pjan ta' investiment tal-UE joffri opportunitajiet biex ikun immobilizzat l-investiment u msarraf f'użi produttivi. Madankollu, l-impatt tal-Pjan ta' Investiment u l-programm estiż tax-xiri tal-assi tal-BĊE se jkunu akbar meta akkumpanjat minn miżuri usa' fis-settur finanzjarju biex ikunu rrestawrati l-flussi ta' kreditu, approfonditi s-swieq tal-kapital u jiġi stimulat il-finanzjament fit-tul tal-ekonomija. It-tlestija tal-Unjoni Bankarja tinsab għaddejja u se tkunu appoġġata permezz tal-applikazzjoni ta' ġabra unika tar-regoli u approċċ regolatorju konsistenti. Swieq kapitali integrati aħjar u aktar effiċjenti jimmobilizzaw ulterjorment il-finanzjament għall-investiment, jagħmlu l-ekonomija Ewropea inqas dipendenti fuq il-banek u l-istrutturi finanzjarji tagħha aktar ibbilanċjati u aktar stabbli.

(6) Minkejja l-kisbiet riċenti fit-tisħiħ tal-arkitettura tal-UEM, l-isfidi attwali jirrikjedu progress fit-tlestija tat-tfassil tagħha. Aktar żvilupp fl-UEM jitlob approċċ pass b'pass li jgħaqqad id-dixxiplina mas-solidarjetà. Il-President tal-Kummissjoni, flimkien mal-President tal-Kunsill Ewropew, il-Parlament Ewropew, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Grupp tal-Euro, se jħejju l-passi li jmiss għal governanza ekonomika aħjar fiż-Żona tal-Euro,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni fil-Grupp tal-Euro, fil-perjodu 2015-2016 biex:

1. Jużaw il-pressjoni mill-pari biex jippromwovu r-riformi strutturali li jiffaċilitaw il-korrezzjoni ta' djun interni u esterni kbar u jappoġġaw l-investiment. Jivvalutaw regolarment il-kisba ta' riformi f'dawk l-Istati Membri bi żbilanċi serji. Ikomplu bil-valutazzjoni tematika regolari tar-riformi strutturali. Sar-rebbiegħa tal-2016, jieħdu deċiżjonijiet dwar is-segwitu tal-eżerċizzju ta' koordinazzjoni fuq it-tnaqqis tal-porzjon ta' taxxa għoli fuq ix-xogħol u dwar ir-riforma tas-swieq tas-servizzi.

2. Jikkoordinaw il-politiki fiskali biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro hija konformi ma' riskji ta' sostenibbiltà u kundizzjonijiet ċikliċi. Sar-rebbiegħa tal-2016, jorganizzaw diskussjonijiet tematiċi dwar titjib fil-kwalità u s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi, li jiffokaw b'mod partikolari fuq il-prijoritizzazzjoni ta' investiment tanġibbli u intanġibbli fil-livelli nazzjonali u tal-UE, u biex is-sistemi fiskali jsiru aktar favur it-tkabbir. Jissorveljaw il-funzjonament effettiv tal-oqfsa fiskali nazzjonali, li dan l-aħħar ġew imsaħħa.

3. Jiżguraw it-tlestija fil-ħin tas-segwitu tal-Valutazzjoni Komprensiva mill-Bank Ċentrali Ewropew, l-implimentazzjoni tad-Direttiva li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, it-tlestija tar-ratifika tal-Ftehim Intergovernattiv dwar il-fond uniku ta' riżoluzzjoni u li l-fond isir kompletament operazzjonali minn Jannar 2016. Jippromwovu miżuri sabiex japprofondixxu l-finanzjament mis-suq, biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs u biex jiġu żviluppati sorsi alternattivi ta' finanzjament. Jinkoraġġixxu aktar riformi ta' oqfsa nazzjonali tal-insolvenza.

4. Imexxu 'l quddiem il-ħidma fl-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u jikkontribwixxu għat-titjib fil-qafas tas-sorveljanza ekonomika fil-kuntest tar-rapport dwar il-passi li jmiss għal governanza ekonomika aħjar fiż-Żona tal-Euro, imħejji mill-President Juncker f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenti Tusk, Schulz, Draghi u Dijsselbloem u s-segwitu tiegħu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President